# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Illum 14 ta' Mejju 2025**

**GUDIKATUR**

**DR. Leontine Calleja LL.D**

Talba numru: 434/2023 CL

**JK Services Limited bin-numru ta' registrazzjoni C100041 fil-kapacita taghha ta' amministratur tal-E.C.A. Association u tal-Garages Association fi hdan il-kumpless ta' Fort Cambridge, fi Triq Tigne', Sliema**

**VERSUS**

**Winfried Waas (KI 0127471A)**

Rat it-talba li giet ipprezentata fl-1 ta' Dicembru 2023 fejn is-socjeta attrici li hija l-amministratur tal-E.C.A. Association u tal-Garages Association fi hdan il-kumpless ta' Fort Cambridge, Triq Tigne, Sliema talbet sabiex il-konvenut, li huwa l-propjetarju tal-appartament bin-numru 402 fi hdan il-Block East 4 u l-garaxx numru -4 51 fil-kumpless tal-garaxxijiet, jigi ordnat jhallas is-somma ta' elfejn seba' mija u disghin euro u tlieta u sittin centezmi (€2,790.63) (Dok A) ) li huwa obbligat li jhallas bhala s-sehem tieghu mill-kontribuzzjoni annwali dovuta pro rata mill-comdomini kollha inkluz tal-E.C.A. Association u tal-Garages Association ghall-manutenzjoni tal-binjiet amministrati minnhom u spejjez ohrajn inkorsi ghas-sena 2023. Bl-ispejjez oltre l-imghax legali, flimkien mal-ispejjez kollha inkluz tal-ittra legali, tal-ittra ufficjali 2628/23 datat 13 ta' Ottubru 2023 (Dok C) u tal-mandat kawtelatorju 2354/23 (Dok D). Illi fis-17 ta' April 2024 is-socjeta attrici ipprezentat nota fejn irreduciet t-talba attrici bl-ammont ta' €107.30 biex it-talba giet redotta minn €2,790.03 ghal €2,683.33.

Illi fis-7 ta' Frar 2024 giet ipprezentata risposta tal-konvenut fejn preliminarjament eccipixxa illi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda ai termini tal-principju tal-*lis alibi pendens* gia ladarba l-esponenti, bhala membru tal-Assocjazjoni tal-blokka tieghu gewwa Fort Cambridge, diga beda proceduri fuq l-istess mertu quddiem l-Artbitu nnominat mic-Centru dwar l-Arbitragg tal-Malta, liema arbitragg igib in-numru C6775/2023. Illi preliminajament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-socjeta attrici huma intempestivi stante li c-Centru draw l-Arbitragg ta' Malta ghadu jrid jiddeciedi dwar il-kontribuzzjoni dovuta minn kull resident gewwa Fort Cambridge u dan fil-proceduri gja inizjati. Illi fil-mertu il-konvenut jichad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fis-17 ta' April 2025 giet ipprezentata nota b'erba' dokumneti -Dok D Notice of Arbitration 6775/2023, Dok E Statement of Clain 6775/2023, Dok F Statement of

Defence 6775/2023 u Dok G l-kuntratt tal-akkwist tal-Intimat u l-aaffidavit ta' Roberto Josef Mifsud[1]. Roberto Josef Mifsud jghid illi xogholu hu ta' accountant u awditur u kellu ufficju jismu Core Audit & Assurance u fi Frar 2023 gie appuntat bhal Chief Financial Officer ta' disa' assocjazzjonijiet fil-kumpless Fort Cambridge filwaqt illi EFX kienet tamministra tlett assocjazzjonijiet. Fl-2024 JK Services tamministra 10 u EFX tamministra 2. L-ECA Association li tamministra l-External Common Areas inkluz pump rooms pools u zoni komuni ta' Fort Cambridge u Garages association li taministra l-garaxxijiet. Hemm 10 assocjazzonijiet, wiehed ghal kull blokk apparti l-ECA u l-garaxxijiet. Ir-rapprezentant ghal 2023 u 2024 tal-ECA kienet Grace Borg u r-rapprezentant ghal garaxxijiet kien Omar Bugeja. Kull sid huwa obbligat jikkontribwixxi lil ECA billi kull sid jista' jaghmel uzu mill-pools u external common area u kull sid ta' garaxx huwa ukoll obbigat li jikkontribwixxi lill assocjazzjoni tal-garaxxijiet skond il-kuntratt tal-akkwist. L-ammont tal-kontribuzzjoni jigi stabbilit fl-annual general meeting li jsir ghal kull assocjazzjoi ta' kull sena fejn jigi approvat l-budget u fuq dan jigi kkalkolat l-ammont dovut minn kull sid, skond il-kobor tal-appartament, filwaqt illi fil-kontribuzjoni tal-garaxx dan huwa ikkalkolat skond in-numru tal-garages/car spaces li qiehed jkollu. Ix-xoghol ta' kuljum dwar kontribuzzjoijiet ssir mis-site office gewwa Fort Cambridge. Jekk kontribuzzjoni tibqa' ma tithallasx jiddiskuti mal-avukat , fil-fatt fil-konfront tal-konvenut JK Services kienet harget kont ta' €2591.85 fis-17 ta' Mejju 2023 u l-ammont ta' €107.30 indikat fil-fatt ma kienx dovut minn Winfried Waas ghax EFX kienu halsu s-sehem tal-konvenut. L-ammont ta' €2,029.45 jirraprezenta sehem Winfired Waas mill-ispejjez tal-komun bhal tindif, maintenance etc u €455.10 jirraprezenta caapital expenditure bhal tibdil fil-pompi u spejjez straordinarji li tkun inkorriet l-ECA u huma dovuti. €198.78 kienu dovuti ghal garax lil Garages Association li kienet giet approvata ukoll fil AGM.Fl-2023 Winfried Waas u Peter Binder bdew jopponu ghal mod kif gew allokati l-ispejjez u kienu qieghdin jmexxu moviment tas-sidien ohra kontrihom. Hu kien attenda laqgha ma' Dr. Alexander Schembri u kienu talbu dettal ta' kif kienu qeghdin jipproponu kif ssir din l-allokazzjoni izda din baqghet ma inghatax. F' Awwissu 2023 kien gie ipprezenta proceduri ta' Arbitragg minn Winfried Waas flimkien ma xi sidien ohra fil-konfront ta' JK Services Ltd.h Hu kien ikkontesta t-talba izda kien sotn illi f'kaz illi jinstab li tlasu xi ammont zejjed hu kien lest li jnaqqas dan l-ammont mill-kontribuzzjoni segwenti. Fil-fatt il-konvenut ma hallas xejn mill-kontrbuzzjoni dovuta.

Fit-8 ta' Mejju 2024 xehdet Grace Borg li qalet illi tghix go Fort Cambridge u hija block reprezentative tal-ECA li hija l-common area ta' ghaxar blocks, l-area ta' barra , il-gnien, il-pool area, plant room u kull parti li hemm barra li hija komuni ghar-residenti kollha. Bhala block representative tiehu hsieb billi tiddiskuti l-prijoritajiet ta' x'hemm bzonn jsir u jattwaw ix-xoghol bil-flus li jithalsu mill-kontribuzjonijiet li jingabru mir-residenti. Go Fort Cambridge hemm 350 appartament. B'kollox hemm 12 il-assocjazzjoni, hemm 10 blocks u kull block ghandha assocjazzjoni, hemm imbaghad Assocjazjoni tal-ECA u Assocjazzjoni tal-garaxxijiet. Fl-2023 kien hemm 2 amministraturi JKn Services kien dahal ghal 9 assocjazzjonijiet ( 7 Blocks, ECA u l-garaxxijiet) u east 4 u East 5 u South 1 baqghu mal-amministratur tas-sena ta' qabel li kien Electrofix. Fil-fatt ghalkemm il-gbir ta' kull block jsir ghal-istess block, il-gbir ghal kontrubizzjonijet tal-ECA jridu jsiru minn 350 resident u ghalhekk ukoll mir-residenti li ghandhom l-amministratur iehor. Allura resident f'dawn it-tlett blocks, bhala Winfried Waas, jkollu amministratur ghal blokk u amministratur iehor ghal ECA u l-garaxx. L-

[1] Foll. 128

assocjazzjoni tal-ECA trid tigbor il-kontribuzzjoni minn 350 resident ghax jkollhom budget,li fl-2023 kien ta' €1.2 million Fil-fatt jintbghat invoice skond il-mertragg, ghax is-sid jhallas lil ECA skond il-square meter u kemm trid thallas tal-garaxx jekk ir-resident jkollu garage u dawn jintbghatu by e mail u fil-kaxxa postali taghhom u wara jintbghat reminder lil min ma jkunx hallas. Minn 350 resident kien hemm bejn 10 u 15 li ma halsux, fosthom il-konvenut. Jsiru meetings u jaghmlu follow ups u ghal-ewwel l-avukat ta' dawn it-tlett blocks kien tahom il-parir li ma jhalsux ghal common area, izda wara li hadu parir inghataw parir li setghu jaghmlu notice fejn jinfurmaw lil residenti min mir-residenti l-ohra ma kienx hallas, ghax dak kien ghal common good. Fil-fatt meta raw li kien hemm pressjoni biex jhalsu u l-komun jinzamm sew fil-fatt hafna minnhom halsu. Foll 7 huwa il-contribution ta' East 4 l-appartament 402,Foll 8 hija ukoll ghal East 4 ghal ECA u maghha hemm capital expenditure, Foll. 9 hija ghal garaxx f'minus 4 number 51, Foll 10 l-ittra li intbghatet lil-konvenut biex jhallas. Is-sid tal-apartament 402 huwa Winfried Waas u sallum ghadu ma hallasx. Skond il-kuntratt tal-akkwist ta' kulhadd jekk inti jkollok kwistjoni trid tmur arbitragg, izda trid thallas il-kontribuzjonijiet dovuti. Fil-kontro ezami ikkonfermat li kienu hadu azzjoni kontra sidien ohra li ma halsux il-kontribuzzjonijiet. Winfried Waas huwa block Rep tal East 4 apparti li huwa sid.Jkun hemm capital expenditure bejn kulhadd tal-ECA bhal din is-sena waqt l-AGM ipprezentaw fil-budget il-bzonn li jixtru 2 submersible pipes u gew approvati.

Fil-5 ta' Gunju 2024, Xehed Anthony Psaila li huwa residenti Fort Cambridge kif ukoll block rep, u kien ilu joqghod hemm tnax-il sena.Il-kumpless hu maghmul minn 350 appartament, f'10 blokkok u 850 garaxx, pixxina u walkways li jissejhu ECA (External Common Area). Il-block reps jigu appuntati fil-laqgha generali ta' kull sena biex jghin lill amministratur jamministra. Kull sena jkollhom budget ta' 1.2 million u ghalhekk hemm bzonn li jiehdu hsieb. Hemm 12 il-assocjazzjoni, 3 mill 10 blokkok baqghu mal-Electrofix li kienu jamminstraw qabel l-2023, is-seba' blokkok l-ora, ECA u l-garaxxijiet bdew jigu amminstrati minn JK Services Ltd mill-1 ta' Jannar 2023. Illum il-gurnata Blokk East 5 ukoll bidli l-amministratur u qeghdin jigi amministrati minn JK Services Ltd u ghalhekk kien hemm 2 blokks amministrati mill-Electrofix minn Jannar 2024. Din il-kawza tikkoncerna ECA u l-garaxxijiet ghax il-blokk fejn jirrisjedi il-konvenut huwa amministrat minn Electrofix u fil-fatt Winfired Waas huwa block rep ta' East 4. Il-kontribuzzjoni li ghandha tithallas tigi stabbilita billi jsir budget darba fis-sena li jigi ipprezentat mill-amministratur izda fl-ewwel sena tal-amministrazzjoni tieghu jkollu bzonn l-ghajnuna u hu kien jghin ghax ghandu background fl-accounts u ghalhekk kien ghen ukoll fil-budget biex jaghmlu lista tal-ispejjez. Il-kuntratt huwa car illi l-ispejjez ghandhom jinqasmu skond il-square meters ta' kull appartament. Il-budget tal-ECA kien gie ipprezentat fil-General Meeting tal-ECA u gew approvati. L-amministratur johrog il-kontijiet li suppost jithalsu fiz-zmien 30 jum.Gie muri d-dokumenti a foll.7, 8 u 9 li gharaf. Foll 7 huwa statement tal-ammont dovut minn Winfried Waas u kien hemm parti dovuti ghal insurance. Dawn fil-fatt gew mnqasa ghax l-amministratur l-iehor Electrofix, kien hallas l-insurance ghal blokk separatament u b'hekk kienu naqsu l-ammont. Fil-fatt kineu ghamlu nota ta' riduzzjoni u naqsu l-ammont mitlub. ECA allocation harget mill-budget kif ukoll il-Capital Expenditure li gew accetati fil-general meeeting tal-ECA. Foll 9 hija l-invoice tal-garaxx propjeta ta' Winfried Waas li gie approvat fil-general meeting tal-garaxxijiet. Foll 10 hija ittra li bghatu lil Winfried Waas ghax ma kienx hallas. Kienu jaghmlu avviz fuq in-notice board liema appartament ma hallasx. L-arbitragg li infetah huwa dwar l-allocation key li intuzat biex jigi stabbilit il-kontrubizzjoni dovut minn kull persuna ghandu jkun bil-square meters ghal ECA. L-ispejjez ghandhom jithalsu sakemm tigi deciza l-arbitragg u jekk l-arbitragg jideciedi li

kien hemm over charging huma jaghtu l-flus lura izda nel frattemp is-servizzi bhal tal-pool u cleaning jridu jsiru. Il-kwistjoni tal-garaxx m'ghandhiex x'taqsam mal-garaxxijiet li huma lock up garages u spaces li jithalsu skond il-kobor. Meta jkun hemm surplus fil-budget jonqos l-ammont dovut is-sena ta' wara fil-fatt fl-2020 kienet ta' €10.97 per sq mt u fl-2024 nizlet ghal €7.36. Fil-kontro ezami jghid illi l-invoices a foll. 7,8 u 9 jghajtu lis-sid u hu seta' jikkonferma minn kien s-sid mill-Land Registry ghax hija Land Registration area. L-ispejjez tal-capital expenditure jinqasmu bejn 58,000 sq meters u dan jinqasam bil-square meters ta' kull blokk u dan jerga jinqasam bil-square meters ta' kull appartament biex jaraw kukk sid kemm hu dovut. In-numru tal-IBAN indikat huwa ta' JK Services Ltd u ECA u l-garaxxijiet m'ghadhomx kontijiet separati u kienu ilhom hekk anke taht l-amminstratur l-iehor . Apparti fl-IBAN il-condomini setghu jhalsu permezz ta' cekk jew fil-kont ta' Cor Accountancy Ltd li l-manager partner taghha huwa Robert Mifsud li huwa l-CFO li gie appuntat mill-general meeting.

Fil-25 ta' Settembru 2024 gie ipprezentat l-affidavit ta' Winfried Waas[2] li ikkonferna illi huwa residenti u sid tal-appartament E4-402 u block representative ta' E4 li bhalissa hija amministrata minn EFX Condominium Services Ltd. Hemm ghaxar blocks gewwa Fort Cambridge li tinkludi ECA u garage complex. L-amministraturi inbidlu tul is-snien u fl-2022 kien hemm EFX. Fl-2023 EFX kompliet tamministrata E4, E5 u S1 filwaqt illi JK Services bdiet tamministra l-blokkijiet l-ohra, l-garaxxijiet u ECA. Meta EFX bdew jamminstraw fl-2022 ma kellhomx kapital disponibbli izda xorta irnexielhom jzommu l-post fi stat tajjeb. Minkejja dan EFX kellhom oppozizzjoni minghand block reps bhal Grace Borg, Toni Psaila, Anthony Demajo u Joe Vella li irnexielhom jnehhu lil EFX minn amministraturi ta' 9 blocks u JK Services bdew jamminstrawhom fl-2023. Hu tal-opinjoni li hu u Peter Binder li huwa ukoll sid u substitute block rep iehor qeghdin jigu targeted biex ma jibqghux jopponu ghalkemm hemm hafna ohrajn li ma halsux kif jidher f'Dok WW2. Huma urew li ma jaqblux mal-allocation key uzata li tafetwa l-mizata dovuta u minkejja li hemm hafna sidien li ma halux inbdew il-proceduri fil-konfront taghhom it-tnejn biss. L-Assocjazzjoni tal-ECA bdiet fl-2017, snin wara l-assocjazzjonijiet l-ohra u saret biex tamministra l-common area ghalkemm mhux kulhadd qabel. Assocjazzjoni ghandha jkollha kemm shared areas kif ukoll privately owned areas izda ECA ghandha biss shared areas u ghalhekk ma tistax tkun assocjazzjoni ta' condominium. F' April 2024, l-avukat tal-amministratur qal illi l-ECA kienet entita' legali taht il-ligi maltija. Ghal din ir-raguni hu jemmen li m'ghandhiex dritt tilob pagamenti minghand is-sidien jew jaghmlu budgets u t-tribunal ghandu jiddecidei dan il-punt qabel ma jidecidei jekk ghandux jhallas. Hu jaf illi obbligat jhallas condominium fees skond il-kuntratt ta' akkwist. Qabel ma bdew JK Services jamminstraw l-allocation key skond ir-regoli ta' Fort Cambridge li ghamithom b'mod gust , izda kif gew mqasma issa huma ta' zvantagg ghal blokk fejn jirrisjedi hu u blocks ohra amminstrat minn EFX u ta' vantagg ghal block amministrati minn JK Services. Jaghmel referenza ghal budget sheets tal-2018, 2022 u 2023, immarkati Dok WW3, WW4 u WW5 fejn jidher illi l-ewwel zewg budgets biss jsegwu il-principju skond il-Rules & Regulations 7.1 li l-allocation key inbiddel propju fl-2023. Il-maintenance tal-common areas tal-block l-ohra qeghdin jigu mhasla minn ECA u mhux il-maintenance tal-komun ta' barra biss. L-istess jinghad ghal on site office staff li jahdem 40 siegha fil-gimgha li qabel kien jithallas 30% mill-ECA, 10% mill-assojazzjoni tal-garaxxijiet u 60% mis-sidien tal-appartamenti, izda issa dan qieghed jithallas b'mod totali mill-ECA u kompla jaghti diversi ezempji simili. Fil-kontro ezami qal illi l-affidavit tieghu gie

[2] Foll. 156

ippraparat minnu, flimkien mal-avukat tieghu Sean u Peter Binder. B'referenza ghal-pagament dovut mistoqsi jekk il-pendenzi kienux tal-2023 biss hu wiegeb fl-affermattiv u li fl-2022 kien hallas il-kontribuzzjoni meta kienu qeghdin jamministraw EFX. Fl-2024 EFX kienu ghadhom jamminstraw il-kondominium tal-Block East 4. B'referenza ghal klawsola fil-kuntratt tal-akkwist li jghid illi f'kaz ta' dizgwit kellu jhallas il-kontribuzjoni dovuta u wara jmur arbitragg, hu jghid illi dan japplika biss f'kaz illi hemm dizgwit dwar xoghol u zmien ghax-xoghol u difetti izda f'dan il-kaz huwa maghmul fuq allokazzjoni skoretta. Ikkonferma li l-Arbitragg kien ghadu pendenti u li hu ma kienx hallas taht protest, jew hallas ammont li skond hu kien dovut izda qal li seta' jaghmel hekk illum ghalkemm qal ukoll li kien hemm argumenti li ECA ma kinitx legali. Hu ikkonferma li ma kienx jaqbel mal-allocation key li iintuzat fl-2023 u ikkonferma li ma hallax tal-2024 ghal-istess ragunijiet.

Dr. Peter Binder[3] li huwa avukat, xehed illi huwa kien ilu sid ta' appartament f'E3 mill-2013 u kien block rep jew substiture block rep ghal ahhar ghaxar snin. ECA Condominium giet stabbilita fl-2017, snin wara l-assocjazzonijiet l-ohra ghalkemm kien hemm diversi oggezzjonijiet ghaliha. Jsemmi l-istess argument ta' Wifred Waas illi l-assocjazzjoni ma kinitx skont ir-rekwiziti tal-Att tal-Kondominium, minhabba li kien hemm zoni komuni u ma kien hemm ebda zona privata li kienet qieghda tigi amministrata minnhom. Jsemmi ukoll argumenti simili ghal Winfried Waas dwar l-allocation key u s-site manager, fil fatt l-ispiza ta' admin fee tas-7 blocks amministrati minn JK Services giet inkluza fil-hourly rate ltal-ECA u b'hekk zdieded konsiderevolment tant illi blocks amministrati minn EFX kienu qed jhalus ghal dan il-hlas minkejja li kellhom admin charge taghhom. Fil-fatt din giet accetata fl-AGM tal-2024 izda ma naqsitx il-hlas zejjed ghas-sena 2023. Fill-kontro ezami jghid li ghalkemm avukat ma kellux warrant biex jippratika ta' avukat f'Malta. Ikkonferma li ikkomunika ma' Winfried Waas qabel ma ipprezenta l-affidavit. Mistoqsi jekk kienx hallas il-kontribuzjonijiet bejn 2013 u 2022 hu ikkonferma li dawn thalsu.Ikkonferma li bejn l-2018 u l-2022 kien hallas il-kontribuzjoni fil-ECA , li fl-2022 l-amministratur kien EFX. Hu jghix f'East 3 li hija amministrata minn JK Services Ltd. Ikkonferma li kien hemm ilment dwar l-allocation key tal-2023 u li kien hemm proceduri quddiem l-Arbitragg minn blocks ohrajn imma mhux il-blokk tieghu. Hu kien ipprezenta affidavit fil-proceduri tal-arbitragg. Hu ma kienx hallas il-kontribuzzjoni tieghu ghal 2024 ghax il-problema baqghet tissusisti. B'referenza ghal administration fee li zdiedet fl-2024 wara li kien ilmenta fl-2023 li ma kinitx hemm direttament ghax kienet inkluza b'servizzi ohra li l-amminstratur JK Services ipprovda u l-admin fee kienet inkluza 'dawn l-ispejjez ghax kienu mizjudin. Dan ghalkemm kien hemm tlett blokkok amministrati minn haddiehor u f'hekk is-sidien ta' dawn il-blokkok spiccaw haslu administrator fee darbtejn. Hu ikkonferma li ma hallasx il-kontribuzjoni tieghu ghal 2023 u 2024 u ma setghax jghid x'kien l-ammont li kien qieghed jikkontesta.

Fit-22 ta' Jannar 2025 saret it-trattazzjoni tal-partijiet. .

It-Tribunal jikkonsidra li it-talba odjerna hija minn JK Services Ltd li tamministra ECA ( External Common Area) u l-garaxxijiet ta' Fort Cambridge, Sliema fejn il-konvenut Winfired Waas huwa sid ta' appartament u naqas illi jhallas il-kontrbuzjoni ta' €2,683.33 ghal ECA u ghal garaxx. Kull sid ta' appartament huwa obbligat li jaghmel kontribuzzzjoni lil ECA , kontribuzzjoni lil Assocjazjoni tal-blokk fejn jghix ( li f'dan il-

[3] Foll.192

kaz m'huwiex amministrat mis-socjeta' attrici) u jekk jkollu garage/carspace, jrid jaghmel kontribuzzjoni lil Assocjazzjoni tal-garage. Jidher illi l-konvenut ma kienx kuntent li s-socjeta attrici bdiet tamministra l-ECA u l-garaxxijiet u ma qabilx mal-metodu tal-budget kif ukoll mal-metodu ta' kif gew divizi l-ispejjez bejn is-sidien. Fil-fatt il-konvenut flimkien ma xi sidien ohra fethu proceduri quddiem Ic-Centru tal-Arbitragg bin-numru 6775/2023. Iz-zewg eccezzjoniiet preliminajri tal-konvenut huma sabiex dan it-Tribunal ma jiddecediex din il-kawza qable ma din tigi deciza mic-Centru tal-Arbitragg. Illi dan it-tribunal ma jaqbilx ma dan l-argument, ghax li ghandu quddiemu dan it-tribunal, u li jista' jiddecida dwaru biss dan it-tribunal huwa dwartalba ghal-hlas, hekk kif hemm mitlub fit-talba. Ic-centru tal-Arbitragg biss jista' jindaga jekk l-ilment tal-konvenut f'din il-kawza jimmerita jew le li jigu milqughin. It-talba ghal-ispejjez tal-ittra legali u ittra ufficjali ma tistax tintlaqa' stante li ma gewipprezentati vera kopja taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici, izda jirriducja l-ammont mitlub ghal elfejn, sitt mija u tlieta u tmenin euro u tlieta u tletin centzmu (€2,683.33), a bazi tan-nota tar-riduzjoni u ghalhekk jordna lil-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €2,683.33 mid-data tal-llum[4]. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[4] Stante li t-talba kienet tinkludi ammont li kien gustifikament ikkontestat